Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/2054(INI)

24.09.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rwol tad-diplomazija dwar l-oċeani għall-kompetittività tas-sajd u l-akkwakultura tal-UE
(2025/2054(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Željana Zovko

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rwol tad-diplomazija dwar l-oċeani għall-kompetittività tas-sajd u l-akkwakultura tal-UE

(2025/2054(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982,

– wara li kkunsidra l-politika komuni tas-sajd tal-UE, u d-dimensjoni esterna tagħha,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2025 bit-titolu "Il-Patt Ewropew għall-Oċeani" (COM(2025)0281) u l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-24 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli – Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani" (JOIN(2022)0028), li tistabbilixxi erba' prijoritajiet ewlenin: it-tisħiħ tal-qafas ta' governanza globali għall-oċeani, il-ksib tas-sostenibbiltà tal-oċeani sal-2030, it-titjib tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, u l-progress tax-xjenza u l-għarfien dwar l-oċeani,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-governanza tal-oċeani, is-sajd u l-ekonomija blu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2025),

A. billi l-oċeani u l-ibħra jkopru 71 % tal-wiċċ tad-dinja u aktar minn 65 % tat-territorju tal-UE; billi l-UE tissorvelja l-akbar żona marittima kollettiva tad-dinja, li tinkludi 25 miljun km² ta' żoni ekonomiċi esklużivi, kosta ta' aktar minn 70 000 km, u 40 % taċ-ċittadini tagħha li jgħixu f'distanza ta' 50 km mill-baħar;

B. billi l-flotta tas-sajd tal-UE, li tirrappreżenta l-preżenza tal-UE fl-ibħra, li tinkludi madwar 69 000 bastiment, hija waħda mill-aktar flotot tas-sajd sostenibbli u regolati b'mod rigoruż fid-dinja, iżda qed taffaċċja kwoti li qed jonqsu, kostijiet operatorji għoljin, regolamentazzjoni oneruża u kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi mhux tal-UE bi standards anqas rigoruż;

C. billi l-UE timporta 70 % tal-frott tal-baħar tagħha, u dan joħloq dipendenza strateġika, jimmina l-awtosuffiċjenza u jesponi lis-settur għal prattiki inġusti;

D. billi l-UE hija membru ta' 18-il organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għandha rwol ewlieni fin-negozjati multilaterali dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-

prattiki ta’ konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, u l-implimentazzjoni tagħhom;

E. billi l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, l-iskart fil-baħar, id-degradazzjoni tal-ħabitats u t-tibdil fil-klima jheddu l-bijodiversità tal-baħar, filwaqt li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) u l-flotot mistura jheddu l-bijodiversità u s-sajd tal-UE, u joħolqu kompetizzjoni inġusta;

F. billi l-Brexit introduċa kumplessitajiet ġodda għall-governanza tas-sajd tal-UE fl-Atlantiku tal-Grigal, li jaffettwaw l-allokazzjoni tal-kwoti, l-aċċess għaż-żoni tas-sajd u d-dinamika tal-kummerċ;

It-tisħiħ tad-diplomazija dwar l-oċeani

1. Jenfasizza li l-UE tinsab f’pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta’ tmexxija legali u regolatorja tagħha; ifakkar li l-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva fid-dinja u diġà hija impenjata fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri;

2. Jitlob l-integrazzjoni tad-diplomazija dwar l-oċeani fil-politika estera u ta’ sigurtà komuni tal-UE biex jiġi difiż ordni marittimu bbażat fuq ir-regoli, jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, jiġu promossi l-istandards tal-UE u jiġu miġġielda s-sajd IUU u l-flotot mistura, il-piraterija u l-azzjonijiet ostili jew vjolenti fil-konfront tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u tal-infrastruttura tal-UE, speċjalment l-infrastruttura sottomarina, permezz ta’ miżuri speċifiċi, bħal missjonijiet navali;

3. Jilqa’ l-Patt Ewropew għall-Oċeani bħala strateġija integrata li tgħaqqad is-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-kummerċ, ir-responsabbiltà ambjentali u d-diplomazija; jissottolinja li permezz ta’ taħlita ta’ skjeramenti navali, sorveljanza tal-infrastruttura, assigurazzjoni u miżuri ta’ stabbilizzazzjoni tas-suq, difiżi ċibernetiċi msaħħa u infurzar legali robust, l-UE tista’ żżomm rotot kummerċjali siguri u affidabbli, u b’hekk issaħħaħ il-kredibbiltà u r-rwol ta’ tmexxija tagħha fl-ordni globali bbażat fuq ir-regoli;

4. Jilqa’ l-Patt il-Ġdid għall-Mediterran li jmiss bħala inizjattiva ewlenija biex jissaħħu l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mill-qrib mal-Unjoni għall-Mediterran u korpi reġjonali oħra, tagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta’ dan il-patt u titgħallem mill-esperjenza u mill-aħjar prattiki ta’ inizjattivi preċedenti bħal dawn biex tiżgura benefiċċji tanġibbli għall-komunitajiet kostali, l-ekosistemi u r-reżiljenza ekonomika fil-baċir kollu;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ minn diplomazija robusta dwar l-oċeani bħala għodda strateġika biex tmexxi ’l quddiem l-objettivi komuni permezz tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs), b’enfasi partikolari fuq li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u kompetizzjoni ġusta bejn is-sajjieda tal-UE u dawk minn pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li l-UE żżomm flotta tas-sajd li tista’ tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda maħluqa mill-espansjoni tal-SFPAs;

6. Jappoġġja l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà marittima u l-infrastruttura kritika fil-ftehimiet u s-sħubijiet kummerċjali tal-UE, filwaqt li jiżgura li s-sigurtà marittima ssir komponent ewlieni tal-istrateġija Global Gateway tal-UE u tal-

aġenda ekonomika u diplomatika esterna tal-UE;

7. Jinnota b'approvazzjoni l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2022 dwar l-aġenda tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani u l-adozzjoni reċenti tal-Patt Ewropew għall-Oċeani mill-Kummissjoni, appoġġjati minn finanzjament ta' EUR 1 biljun biex tiġi ssalvagwardjata l-bijodiversità tal-baħar u jissaħħaħ l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli; jilqa' l-integrazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fil-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE bħala element strateġiku għat-tkabbir fit-tul tal-UE;

8. Iħeġġeġ lill-UE tappoġġja lill-partijiet ikkonċernati biex tistabbilixxi alleanza industrijali marittima Ewropea li tintegra s-sajd, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti, l-investimenti strateġiċi u t-teknoloġija, filwaqt li tirrikonoxxi l-interdipendenza tas-setturi marittimi kollha f'termini ta' kompetittività, impjiegi, tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar;

9. Jitlob li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jżid b'mod sinifikanti l-investiment fit-taħriġ tad-diplomatiċi Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-għarfien espert fil-governanza marittima u tal-oċeani fi ħdan id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi kostali; jitlob l-involviment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-promozzjoni tal-importanza strateġika tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani;

Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd u tal-akkwakultura

10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri għal proġetti li jsaħħu s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm aċċess simplifikat għaż-żoni tal-art u dawk kostali permezz ta' kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-awtoritajiet lokali, peress li dan ikun essenzjali għaż-żamma ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-fatturi u x-xejriet strutturali li jaffettwaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd;

12. Jitlob miżuri mmirati biex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali u tissaħħaħ l-attraenza tal-karrieri fis-sajd permezz ta' investimenti fi flotot tas-sajd moderni, sikuri u diġitalizzati, programmi ta' taħriġ, inizjattivi ta' prevenzjoni tal-mard u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli portwarji u doganali, billi jagħmlu użu sħiħ minn aġenzija doganali ġdida tal-UE, bil-għan li jipproteġu lis-sajjieda mit-traffikanti tad-droga u tal-migranti u jsaħħu t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-baħar importati;

13. Jitlob appoġġ għat-tiġdid tal-flotot tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi sabiex jiġi ssalvagwardjat il-futur tas-settur tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi u bħala kontribut għall-iżvilupp lokali sostenibbli; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura rwol partikolari għar-reġjuni ultraperiferiċi fl-SFPAs tal-UE ma' pajjiżi jew reġjuni ġirien, pereżempju fil-forma ta' infrastruttura, flotta jew appoġġ settorjali;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi u tħeġġeġ id-domanda għat-trasparenza u t-traċċabbiltà, filwaqt li tiżgura informazzjoni dettaljata dwar l-oriġini, il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-prodotti tal-frott tal-baħar; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati standards tas-suq li jiggarantixxu kundizzjonijiet ekwi għall-

prodotti tal-frott tal-baħar u għall-prodotti tal-baħar importati fl-UE, filwaqt li jiġi żgurat li dawn jissodisfaw kriterji komparabbli fil-qasam tal-ambjent u tas-' sostenibbiltà ;

15. Iħeġġeġ it-tneħħija immedjata tal-ostakli regolatorji fi ħdan il-politika komuni tas-sajd li jfixklu l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-flotot tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi;

Tmexxija ambjentali u xjentifika

16. Jilqa' t-tmexxija tal-UE fil-governanza globali tal-oċeani, b'mod partikolari permezz tar-rwol tagħha fil-ħolqien tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali, li tħaddan 52 pajjiż; jitlob li jiġi ratifikat u implimentat malajr il-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva u l-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra internazzjonali;

17. Jitlob li jiġi promoss moratorju internazzjonali fuq l-estrazzjoni minerarja minn fond il-baħar, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Awtorità Internazzjonali dwar Qiegħ il-Baħar, sakemm riċerka xjentifika komprensiva turi li tali attivitajiet jistgħu jiġu ġestiti mingħajr ma jikkawżaw telf tal-bijodiversità jew degradazzjoni tal-ekosistema; iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jappoġġjaw dan il-moratorju bħala kwistjoni ta' responsabbiltà ambjentali globali;

18. Iħeġġeġ id-dežinjazzjoni rapida ta' żoni tal-baħar protetti fl-Antartiku, inklużi l-Baħar ta' Weddell u l-Peniżola tal-Antartiku; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv dawn iż-żoni tal-baħar protetti bħala parti minn risposta bbilanċjata għall-ambizzjonijiet dejjem akbar ta' atturi globali oħra f'dawn ir-reġjuni;

19. Jappoġġja l-impenn tal-Patt Ewropew għall-Oċeani li jistabbilixxi inizjattiva pan-Ewropea għall-osservazzjoni tal-oċeani bħala pedament għat-titjib tal-fehim u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-baħar; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa fi ħdan l-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni xjentifika tal-baħar u jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-UE fl-oċeanografija;

Il-politika kummerċjali u l-governanza globali tal-oċeani

20. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-UE li żżomm ir-rwol ta' tmexxija fil-fora internazzjonali billi tistimola l-multilateraliżmu, tiddjaloga mal-Istati Uniti u tistabbilixxi standards globali għas-sostenibbiltà tal-baħar u l-kompetizzjoni ġusta;

21. Jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li tistabbilixxi arranġamenti fit-tul bejn l-UE u r-Renju Unit, li tagħti aċċess reċiproku sħiħ għall-ilmijiet tas-sajd sat-30 ta' Ġunju 2038; jitlob lill-Kummissjoni tibqa' soda kontra kwalunkwe deċiżjoni unilaterali li *de facto* tnaqqas l-aċċess tas-sajjieda tal-UE għall-ilmijiet tar-Renju Unit;

22. Jistieden lill-UE tintensifika l-impenn tagħha man-Norveġja permezz tad-diskussjoni ta' livell għoli dwar is-sajd u l-oċeani biex issolvi kwistjonijiet pendenti u tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ġusti bejn is-sajjieda tal-UE u dawk Norveġiżi;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ċarezza legali dwar prattiki tas-sajd mhux sostenibbli li jistgħu jattivaw miżuri ta' infurzar tal-UE, inklużi restrizzjonijiet kummerċjali bħall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tindirizza prattiki mhux sostenibbli fuq livell globali;

Miżuri baġitarji u istituzzjonali

24. Jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' finanzjament sinifikanti għad-diplomazija dwar l-oċeani, speċjalment sabiex jinżamm settur tas-sajd strateġiku; jinnota bi tħassib li l-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss jindikaw allokazzjoni ta' EUR 2 biljun biss għas-sajd u għall-akkwakultura għall-perjodu 2028–2034, li tirrappreżenta bilkemm terz tal-livell ta' finanzjament preċedenti tiegħu;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati fl-ekonomija blu jkollhom aċċess effettiv u aktar sempliċi għall-istrumenti ta' finanzjament, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jappoġġja l-investiment f'ekonomija blu sostenibbli, u Ewropa Globali – l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE, li jirfed id-diplomazija dwar l-oċeani u l-isforzi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, kif ukoll sorsi ta' finanzjament komplementari bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, REPowerEU, Orizzont Ewropa u l-Bank Ewropew tal-Investiment;

°

° °

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-ekonomija marittima tal-Ewropa hija pedament tal-prosperità tagħha: l-ekonomija blu tikkontribwixxi EUR 250 biljun fis-sena f'valur miżjud gross, issostni 5 miljun impjieg, u tirfed il-funzjonament tal-kummerċ globali, b'90 % tal-valur tal-kummerċ internazzjonali u 80 % tal-kummerċ estern tal-UE ttrasportat bil-baħar, u 99 % tat-traffiku interkontinentali fuq l-internet li jinġarr permezz ta' kejbils sottomarini.

Is-sajd fuq skala żgħira huwa s-sinsla ta' ħafna komunitajiet kostali, jipprovdi mezzi ta' sussistenza ekonomika, jippreserva t-tradizzjonijiet, u jiżgura s-sigurtà tal-ikel, iżda jsib quddiemu tnaqqis fit-tiġdid ġenerazzjonali u kundizzjonijiet tax-xogħol mhux attraenti. B'mod partikolari, il-flotta tas-sajd tal-Mediterran hija fil-biċċa l-kbira magħmula minn bastimenti fuq skala żgħira, li jammontaw għal madwar 80 % tal-flotta totali tal-UE fir-reġjun, u diġà qed taffaċċja diversi sfidi li jaffettwaw l-attraenza u s-sostenibbiltà soċjoekonomika tas-settur.

Il-politika komuni tas-sajd (PKS) hija kompetenza esklużiva tal-UE u pedament tas-sigurtà tal-ikel u tal-politika ambjentali tal-UE, mibnija fuq is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika, il-kooperazzjoni reġjonali, u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza.

L-UE għandha l-akbar żona ekonomika esklużiva (ŻEE) fid-dinja u diġà impenjat ruħha fis-salvagwardja tar-riżorsi tal-baħar tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri. L-UE tinsab f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi l-governanza globali tal-oċeani minħabba d-daqs taż-żona marittima, il-piż ekonomiku, u r-rwol ta' tmexxija legali u regolatorja tagħha.

Id-diplomazija dwar l-oċeani ma għadhiex għodda fakultattiva tal-politika barranija iżda neċessità strateġika għas-sigurtà, il-kummerċ, is-sostenibbiltà ambjentali u r-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa. Għandha tintuża Karta koerenti tal-UE dwar id-Diplomazija dwar-Oċeani biex jiġu influwenzati s-sħab kummerċjali, jinħolqu obbligi ta' sostenibbiltà vinkolanti, jiġi żgurat aċċess ġust għall-istokkijiet, u ż-Żoni Protetti tal-Baħar isiru aktar effiċjenti.

Is-sajd u l-akkwakultura huma riżorsi strateġiċi għas-sigurtà tal-ikel u għall-iżvilupp rurali. Huwa importanti li jiġu rikonoxxuti l-identità u r-rwol usa' tas-sajjieda bħala kustodji tal-ambjent tal-baħar, kontributuri għat-turiżmu ambjentali, u xprun tal-iżvilupp lokali fil-komunitajiet kostali. Il-miżuri ambjentali m'għandhomx jimminaw il-vijabbiltà soċjoekonomika.

Id-dipendenza żejda mill-importazzjonijiet tal-frott tal-baħar trid tiġi mitigata permezz ta' politiki ta' awtosuffiċjenza billi pajjiżi terzi jiġu involuti biex jissodisfaw standards ambjentali u soċjali ekwivalenti kif ukoll biex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta. Trid tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn is-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati marittimi oħra f'oqsma bħall-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-użu tal-enerġija rinnovabbli, l-organizzazzjoni tal-katina tal-provvista tal-frott tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, u d-diversifikazzjoni fl-ambitu tal-qafas tal-ekonomija blu sostenibbli.

Il-fiduċja bejn il-partijiet ikkonċernati tas-sajd u l-istituzzjonijiet tal-UE trid tinbena mill-ġdid permezz ta' trasparenza, evalwazzjoni u impenn imtejjeb fil-proċessi tal-iżvilupp tal-politiki. Huwa essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni xjentifika internazzjonali u investiment akbar

fir-riċerka tal-baħar biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u jiġi appoġġjat it-tfassil tal-politiki bbażat fuq l-evidenza.

Kooperazzjoni b'saħħitha mal-Istati Uniti hija vitali permezz, pereżempju, tal-Amministrazzjoni Nazzjonali għall-Oċeanika u l-Atmosfera (NOAA), li tirrikonoxxi r-rwol tas-sħubijiet trans-Atlantiċi fl-avvanz tal-governanza u x-xjenza tal-oċeani. L-irtirar tal-Istati Uniti minn diversi organizzazzjonijiet multilaterali kkawża dispjaċir, u dan dgħajjef l-azzjoni kollettiva.

Il-politika komuni tas-sajd (PKS) trid tkun appoġġjata minn finanzjamenti adegwati u stabbli biex jintlaħqu l-objettivi tagħha.